VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,075, 16 ta' April, 2013
Taqsima B

A.L. 125 tal-2013

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2013 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Ħtiġiet tas-Saħħa tal-Annimali għall-Annimali tal-Akkwakultura u l-Prodotti tagħhom, u dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Ċertu Mard f'Annimali Akkwatiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2013 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Ħtiġiet tas-Saħħa tal-Annimali għall-Annimali tal-Akkwakultura u l-Prodotti tagħhom, u dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Ċertu Mard f'Annimali Akkwatiċi, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jifthiemu ħaġa waħda mar-Regoli dwar il-Ħtiġiet tas-Saħħa tal-Annimali għall-Annimali tal-Akkwakultura u l-Prodotti tagħhom, u dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Ċertu Mard f'Annimali Akkwatiċi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

L.S. 437.95

Temenda l-Iskeda IV li tinsab mar-regoli prinċipali.

2. Fl-Iskeda IV li tinsab mar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "Parti II Mard Elenkat" għandu jidħol dan li ġej:

"Parti II

Mard Elenkat

Mard eżotiku		
	Marda	Speċi suxxettibbli
Ħut	Nekrosi ematopojetika epiżotika	Trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*) u Dott tal-Ewropa ta' Fuq (*Perca fluviatilis*)
Molluski	Infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*	Gajdra Awstraljana tat-tajn (*Ostrea angasi*) u Gajdra ċatta Ċilena (*O. chilensis*)
	Infezzjoni mill-*Perkinsus marinus*	Gajdra tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*) u Gajdra ta' Lvant (*C. virginica*)
	Infezzjoni bil-*Microcytos mackini*	Gajdra tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*) u Gajdra ta' Lvant (*C. virginica*), Gajdra ċatta tal-Paċifiku (*Ostrea conchaphila*) u Gajdra ċatta Ewropea (*O. edulis*)

Krustaċji	Is-Sindromu Taura	Gamblu abjad tal-Golf (*Panaeus setiferus*), Gamblu ikħal tal-Paċifiku (*P. stylirostris*) u Gamblu abjad tal-Paċifiku (*P. vannamei*)
	Il-marda Yellowhead	Gamblu kannella tal-Golf (*P. aztecus*), Gamblu roża tal-Golf (*P. duorarum*), Gamblu kbir Kuruma (*P. japonicus*), Gamblu iswed (*P. monodon*), Gamblu abjad tal-Golf (*P. setiferus*), Gamblu ikħal tal-Paċifiku (*P. stylirostris*), Gamblu abjad tal-Paċifiku (*P. vannamei*)
Mard mhux eżotiku		
	Marda	Speċi suxxettibbli
Ħut	Settiċemija emorraġika virali (VHS)	Aringa (*Clupea* spp.), Ħuta bajda (*Coregonus* sp.), Lizz (*Esox lucius*), Bakkaljaw żgħir (*Gadus aeglefinus*), Merluzz tal-Paċifiku (*G. Macrocephalus*), Merluzz tal-atlantiku (*G. Morhua*), Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus* spp.) Trota qawsalla (*O. Mykiss*), *Rockling* (*Onos mustelus*), Trota tal-baħar (*Salmo trutta*), Arbun imprjali (*Scophthalmus maximus*), Sardina (*Sprattus sprattus*), *Grayling* (*Thymallus thymallus*) u Barbun taż-żebbuġa (*Paraliichthys olivaceus*)

	Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)	Salamun keta (*Oncorhynchus keta*), Salamun fiddien (*O. kisutch*), Salamun masou (*O. masou*), Trota qawsalla jew tal-Amerika tat-Tramuntana (*O. mykiss*), Salamun *sockeye* (*O. nerka*), Salamun roża (*O. rhodurus*), Salamun *chinook* (*O. tshawytscha*), u Salamun tat-Atlantiku (*Salmo salar*)
	Il-marda tal-varjus tal-erpete tal-koi (KHV)	Il-Karpjun komuni u l-Karpjun koi (*Cyprinus carpio*)
	L-anemija infettiva tas-salamun (ISA)	Trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*), Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u Trota tal-baħar (*S. trutta*)
Molluski	Infezzjoni bil-*Marteilia refringens*	Gajdra tat-tajn tal-Awstralja (*Ostrea angasi*), Gajdra ċatta taċ-Ċili (*O. chilensis*), Gajdra ċatta Ewropea (*O. edulis*), Gajdra tal-Arġentina (*O. puelchana*), Mollusk blu (*Mytilus edulis*) u Mollusk Mediterran (*M. galloprovincialis*)
	Infezzjoni mill-*Bonamia ostreae*	Gajdra tat-tajn tal-Awstralja (*Ostrea angasi*), Gajdra ċatta taċ-Ċili (*O. chilensis*), Gajdra ċatta tal-Paċifiku (*Ostrea conchaphila*), Gajdra Asjatika (*O. denselammellosa*), Gajdra ċatta Ewropea (*O. edulis*), u Gajdra tal-Arġentina (*O. puelchana*)
Krustaċji	Marda tal-ponot bojod	Il-krustaċji kollha dekapodi (ordni *Decapoda*)".